**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum il-Hamis 28 ta` April 2016**

**Kawza Nru. 12**
**Rik. Gur. Nru. 370/08 JZM**

**George Borg**

***kontra***

**Mary Calleja**

**Il-Qorti :**

**I. Preliminari**

Rat ir-rikors guramentat prezentat fil-15 ta` April 2008 li jaqra hekk :–

*1. Illi l-kontendenti f`din il-kawza huma t-tnejn ahwa u ulied tal-illum mejtin Joseph u Lorenza konjugi Borg ;*

*2. Illi Lorenza Borg mietet nhar il-31 ta` Jannar 2005 [ara att tal-mewt hawn anness u mmarkat Dok. 'GB1'] ;*

*3. Illi l-imsemmija Lorenza Borg halliet zewg testmenti, wiehed tat-12 ta` Lulju 1993 quddiem in-Nutar Pubbliku Dr Paul Pullicino u l-iehor fejn emendat l-ewwel testment datat 8 t`Ottubru 1996 quddiem l-istess Nutar Pubbliku [ara Dok. 'GB2' sa 'GB7'] ;*

*4. Illi jirrizulta minn tali testment illi mill-porzjoni ta` ommu Lorenza Borg l-attur thallielu biss legat ta` hamest elef Lira Maltin [Lm5,000] ekwivalenti ghal hdax-il elf sitt mija u sebgha u erbghin Euro [11,647 Euro] ;*

*5. Illi l-attur ghamel id-debiti ricerki qabel ma ressaq il-kawza odjerna sabiex jistabilixxi x`ghandu jikkomprendi l-massa ereditarja ta` Lorenza Borg, fosthom il-fatt illi xhur qabel ma mietet din Lorenza Borg din ressqet ghall-kuntratt fejn bieghet bicca art fil-limiti ta` Santa Venera/Qormi ghall-prezz ta` tmenin elf Lira Maltin [Lm80,000] ekwivalenti ghal mija u sitta u tmenin elf tlett mija u hamsin Euro [186,350 Euro] u dana skont kuntratt fl-atti tan-Nutar Pubbliku Paul Pullicino ta` nhar it-30 ta` Settembru 2008 ;*

*6. Illi peress illi l-konvenuta f` din il-kawza kienet ghal zmien twil il-prokuratrici tal-istess Lorenza Borg u per konsegwenza kellha fil-kontroll taghha ghal snin twal l-assi kollha tal-mejta Lorenza Borg u kienet tamministra l-istess assi ghal zmien twil ;*

*7. Illi peress illi l-konvenuta hija l-unika eredi tal-illum mejta Lorenza Borg ;*

*8. Illi peress illi l-istess konvenuta sal-lum ma tat l-ebda rendikont tal-amministrazzjoni taghha bhala prokuratrici tal-illum mejta Lorenza Borg*

*9. Illi peress illi l-attur qed jipprevalixxi ruhu mil-ligi u mhux qed jaccetta l-prelegat mholli lilu izda qed jinsisti li hu bhala bin Lorenza Borg jinghata l-porzjoni riservata skont il-ligi u cioe` fil-kaz odjern sest [1/6] mill-massa ereditarja kollha tal-illum mejta Lorenza Borg ;*

*10. Illi ghalhekk l-attur jaghmel riferenza ghall-korrispondenza skambjata bejn il-partijiet qabel ma nfethet il-kawza odjerna [ara Dok. 'GB8' sa 'GB11'] u hu qed jikkontendi illi l-massa ereditarja ta` Lorenza Borg hi ferm aktar minn Lm 20,000 hekk kif qed tikkontendi l-konvenuta f`tali korrispondenza taghha u dana hekk kif se jirnexxielu jipprova l-attur waqt it-trattazzjoni ta` din il-kawza ;*

*11. Illi premess illi tali legittima hija mharsa u spettanti lill-attur skont il-ligi u ghandha tithallas lil min hu ntitolat [f`dan il-kaz l-attur] qabel kollox ;*

*12. Illi l-attur ghalhekk kellu jiftah din il-kawza billi qed jikkontendi illi l-legat imholli lilu ma jissodisfax l-porzjoni riservata spettanti lilu skont il-ligi ;*

*Ghaldaqstant l-esponent attur umilment jitlob li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha, ghar-ragunijiet hawn fuq spjegati :*

*1. Tiddikjara, qabel xejn, anke permezz tal-hatra ta` periti nominandi, li l-legat imholli lill-attur ma jservix halli jissodisfa l-porzjoni riservata spettanti lilu bil-ligi.*

*2. Tiddikjara inoltre illi l-assi kollha tal-lum mejta testatrici Lorenza Borg ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni halli jigi stabbilit l-valur tal-porzjoni riservata spettanti lill-attur.*

*3. Tiddikjara illi, prevja li l-attur jinghata l-porzjoni riservata spettanti lilu skont il-ligi, l-assi kollha tat-testatrici ghandhom jigu ikkonservati u ma jigux bla ebda mod minsusa;*

*4. Tillikwida u tiffissa l-valur tal-massa ereditarja tat-testatrici l-illum mejta Lorenza Borg u dana anke permezz tal-hatra ta` periti nominandi.*

*5. Tiffissa l-valur tal-porzjoni riservata li ghandha tithallas lill-attur skont il-ligi.*

*6. Tordna lill-konvenuta thallas lill-attur is-somma ffissata bhala porzjoni riservata.*

*Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuta li minn issa qed tigi ngunta ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur, u l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-rikors guramentat.

Rat ir-risposta guramentata pprezentata fit-23 ta` Gunju 2008 li taqra hekk :–

*1. Preliminarjament : illi skont para. 9 tar-rikors promotur, l-attur qieghed jirrinunzja ghal-legat lilu mholli fit-testment tad-decujus u minflok qed jesigi l-porzjoni riservata favur tieghu skont il-ligi kemm jekk huwa superjuri jew inferjuri ghal-legat ta` Lm5000 ekwivalenti ghall-€11,647 lilu mhollija u minnu rinunzjatam ; ghalhekk l-ewwel talba attrici hija inutili u superfluwa.*

*2. Minghajr pregudizzju ghall-premess, illi l-legat imholli lill-attur kien jissupera l-porzjoni riservata spettanti lilu skont il-ligi billi l-assi ereditarji tad-decujus ma jissuperawx l-valur ta` Lm30,000.*

*3. Illi fil-likwidazzjoni tas-sehem riservat ghandu jinqata` dak kollu li ha l-attur minghand id-decujus b`titolu gratuwitu kif ukoll id-dejn li kellu mad-decujus ghal flus mislufa lilu [Art. 620 (4) tal-Kap. 16].*

*4. Minghajr pregudizzju ghall-premess, illi l-esponenti ma topponix it-talba ghal-likwidazzjoni u hlas tas-sehem riservat spettanti lill-attur.*

*5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenuta u l-lista tax-xhieda ndikati minnha.

Rat ix-xiehda bl-affidavit tal-attur, flimkien mad-dokument li kien anness.

Semghet ix-xiehda ta` Joseph Borg Cardona, ta` Audrey Ghigo u l-kontroezami tal-attur fl-udjenza tas-16 ta` April 2009.

Rat ix-xiehda bl-affidavit ta` Miriam Borg.

Rat ix-xiehda bl-affidavit tal-konvenuta, ta` zewgha Emanuel Calleja u tal-Av. Dr. Joseph Zammit Maempel, u rat id-dokument li kien esebit ma` dan l-ahhar affidavit.

Semghet ix-xiehda in kontroezami tal-konvenuta fl-udjenza tal-25 ta` Marzu 2010.

Semghet ix-xiehda ta` David Galea, Jeanette Lepre u tal-konvenuta fl-udjenza tal-21 ta` Mejju 2013, u rat id-dokument li pprezentat il-konvenuta.

Kompliet tisma` x-xiehda tal-konvenuta fl-udjenza tas-6 ta` Gunju 2013 u rat id-dokument li pprezentat il-konvenuta fl-istess seduta.

Semghet ix-xiehda ta` Charmaine Calleja fl-udjenza tal-14 ta` Ottubru 2013.

Rat in-nota b`dokumenti li pprezenta l-attur fid-9 ta` Gunju 2014.

Semghet ix-xiehda ta` Ivan Cilia fl-udjenza tas-26 ta` Frar 2015 u rat id-dokument li pprezenta x-xhud.

Semghet ix-xiehda ta` l-P.L. Eunice Fiorini fl-udjenzi tas-27 ta` April 2015 u tal-11 ta` Gunju 2015, u rat id-dokument li kien pprezentat fl-udjenza tal-ahhar.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet tal-partijiet.

Rat id-digriet li tat fl-udjenza tas-26 ta` Jannar 2016 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. Provi

**L-attur** xehed illi huwa jigi hu l-konvenuta. Huma l-unici zewgt ahwa wlied ta` Joseph u Lorenza konjugi Borg. Anke qabel mietet ommhom huwa kien diga` miksur minn ma` ohtu ghal diversi ragunijiet. L-iktar haga li kienet iddejqu kienet li sabiex ommu zzuru, kien ikollha titlob l-permess ta` ohtu. Ohtu kienet ilha tghix ma` ommu ghal sittax–il sena. Huwa xorta wahda zamm relazzjoni tajba ma` ommu ; anke meta kienet l-isptar hu kien imur izurha filghaxija, u meta kien ikun hemm xi okkazjoni dejjem kienu jkun mistednin, u jiehdu pjacir bil-kumpannija ta` xulxin. Izda l-konvenuta kienet tikkmanda wisq u kellha pussess fuq ommhom.

Qal illi missierhom kien miet meta kienu ghadhom zghar. Huma u ommhom kienu marru jghixu man-nanna taghhom. Jaf illi ommu kienet wirtet zewg somom sostanzjali ta` flus, konsegwenza tal-fatt li missierhom kien miet f`incident l-Awstralja u kien biegh xi proprjeta` li kellu. Jaf li ommu kellha xi proprjeta` Santa Venera u li kienet inbieghet. Ghalkemm jaf li ommu kellha xi proprjetajiet ohra, u kienet tircievi xi flus, m`ghandux dettalji dwar dan. Matul hajjitha, ommu dejjem kienet tghid li dawn il-proprjetajiet kellhom jinqasmu bejnu u ohtu.

Qal illi l-konvenuta bdiet taghmel minn kollox biex tbieghdu minn ommu, u ghalhekk huwa ddispjacut li l-affarijiet kellhom jaslu ghal din l-kawza.

Stqarr illi meta ommu dahlet l-isptar, sar jaf min-nies.

Spjega illi wara li mietet ommu ma nghatax informazzjoni dwar il-wirt. Kien biss wara zmien twil li kien kiteb lill-ohtu permezz tal-avukat tieghu sabiex issir il-likwidazzjoni tal-wirt. Huwa baqa` sorpriz bir-risposta tal-konvenuta meta qaltlu illi kien intitolat ghal Lm 5,000 biss. Ghalih dak kien serq fil-wicc u kollox kien gej mill-konvenuta. Jaf illi ommu kellha hafna izjed u ma setax jaccetta li l-konvenuta tkompli tamministra kollox.

Qal illi meta ghamel ricerki, sab illi ftit xhur qabel ma mietet ommu, kienet inbieghet proprjeta` ghall-prezz ta` Lm 80,000.

Ghalih kien impossibbli li ntefqu dawk il-flus kollha f`temp ta` ftit xhur.

**<u>Fil-kontroezami</u>**, l-attur cahad illi fil-fatt ommu ma rieditx tarah aktar minhabba ncident fejn hu hareg ghaliha b`senter. Qal illi meta miet missieru hu kellu madwar 15–il sena, u ohtu kienet sena izghar minnu. Qal illi huma marru jghixu man-nanna taghhom meta siefer missieru ; huwa kellu sena dak iz-zmien. Dwar il-flus li jghid illi waslu mill-Awstralja, l-attur fisser illi kienu qalulu bihom xi nies li kienu l-Awstralja u li llum huma mejtin. Dawn il-persuni kienu qalulu li huma kienu hadu flus mill-Awstralja darbtejn f`ammont ta` madwar Lm 700 kull darba, filwaqt illi ommu kienet hadet madwar Lm 20,000. Mistoqsi mill-Qorti x`ghamlet ommu b`dawk il-flus, l-attur xehed illi kienet poggiethom il-bank, ghalkemm lilu ma qaltlux li kienet sejra taghmel hekk. Mistoqsi x`aktar kellha ommu, l-attur qal illi kien hemm artijiet li nbieghu, u kienu nqasmu xi flus tan-nanna. Mistoqsi kemm kienu l-ammonti, l-attur qal li ma kienx jaf, ghalkemm kienu eluf. Qal illi kien hemm xi hamest itmiem raba` li nqasam bejn hames ahwa ; ommu messha tomna minnhom.

L-attur cahad illi bil-flus li hadet ommu b`sehemha hija hallset id-dejn li l-attur kellu maz-ziju tieghu Karmenu. Jinsisti illi hlief ghall-ahhar tmien xhur ta` hajjitha, huwa kellu relazzjoni normali ma` ommu u kien ikellimha. Jghid li ommu kienet ghamlet madwar tnax-il sena tghix ma` ohtu l-konvenuta. Qal illi ommu kienet wirtet ghalqa l-Imriehel u kellha xi cnus ; kellhom x`jaqsmu l-erba` zijiet u ommu pero` dettalji ma kellux. Cahad li ommu kienet xtratlu trakk tal-barriera. Lanqas ma xtratlu arja ta` fond go Hal-Qormi. Cahad ukoll li ommu qatt taghtu xi flus.

**Miriam Borg** li tigi mart l-attur xehdet illi hija kellha 16-il sena meta ltaqghet mal-attur. Hija kellha relazzjoni tajba hafna ma` ommu, izda mhux mal-konvenuta. Meta zzewget lill-attur kienet ghaddejja minn zmien difficli hafna ghaliex ftit qabel kien miet missierha, waqt li ommha kienet marida bil-kancer. Ommha mietet madwar sena u nofs qabel ma zzewget. Minn meta saret taf kemm lill-attur u kemm lill-konvenuta, din tal-ahhar kellha diga` kellha kontroll assolut fuq l-omm. Meta Lorenza Borg kienet marret tghix ghand il-konvenuta, huma xorta wahda kienu jmorru jzuruha, u jekk ikun hemm bzonn, jghinu fil-htigijiet taghha. Izda meta kienu jmorru dejjem kellhom Ihabbtu wicchom mal-konvenuta, li kienet toqghod attenta ghal dak li kien jinghad bejniethom.

Kompliet tixhed illi meta mardet Lorenza Borg u bdiet tkun hafna l-isptar, huma ma kinux jafu b`li kienet ghaddejja minnu, ghaliex il-konvenuta ma kienet tghidIlhom b`xejn. Ghalihom l-iskop tal-imgieba tal-konvenuta kien car : riedet teskludihom u tqeghdu go dawl ikrah ma` omm ir-ragel. L-ahhar darba li Lorenza Borg kienet l-isptar, il-konvenuta kienet rega` ma qaltilhom b`xejn. Tiftakar li kien l-ahhar jum ta` Jannar 2005, ghal habta tat-3.00 p.m., meta binhom l-kbir kien qalilhom li sema` li kienet mietet in-nanna. Fid-9.00 p.m., cemplet il-mara tat-tifel tal-konvenuta li qaltilhom bil-mewt ta` Lorenza Borg. Huma marru ghall-funeral taghha li sar l-ghada. Minn hemm 'l quddiem, zewgha ma sema` xejn aktar ; lanqas ma gie nfurmat b`xejn. Wara l-mewt ta` Lorenza Borg, saru jafu li l-konvenuta kienet il-prokuratrici tal-omm. Il-konvenuta qatt ma tat rendikont ta` dak li kellha Lorenza Borg jew dwar kif kienet amministrat hwejjeg ommha.

**Ir-rapprezentanti tal-banek** **Joseph Borg Cardona** (ghal Bank of Valletta plc), **Audrey Ghigo** (ghal HSBC Bank Malta plc), **David Galea** (ghal APS Bank Limited) u **Jeanette Lepre** (ghal Lombard Bank Malta plc) xehdu illi wara ricerka li ghamlu ma rrizultax illi Lorenza Borg kellha kontijiet maghhom.

**Il-konvenuta** xehdet illi missierha kien emigra lejn l-Awstralja fil-bidu tal-1952, meta ommha kienet tqila biha. Ghall-ewwel ftit snin missierha kien jibaghat xi flus izda wara ftit snin kienu qata` kull kuntatt maghhom. Meta kellha 14-il sena, kienu rcevew telegramma li missierha kien miet. Ghalhekk ommha kellha trabbi wahedha lilha u lil huha l-attur. Marru joqghodu ghand in-nanniet materni Santa Venera. Wara l-mewt ta` missierha fl-1968, huma kienu rcevew somma flus mill-Awstralja.

Stqarret illi hija zzewget lil Emmanuel Calleja fl-1971. Wara xi sebgha jew tmien snin, ommha talbitha biex tmur tghix maghha. Meta bdiet tghix maghha, hija kienet tinkoraggixxi lill-ommha sabiex nhar ta` Hadd tmur ghand l-attur, izda gara li f`okkazjoni minnhom, l-attur hareg b`senter armat ghaliha ; u kien zewgha li kien hadu minn idejn l-attur. Wara dakinhar, ma riditx tmur aktar ghand l-attur.

Kompliet tghid illi meta ommha kienet ghadha tghix ghand in-nanniet, l-attur kien imur izurha, u kull darba jitlobha l-flus, u jekk ma taghtihx, kien ikun vjolenti maghha. Kien hemm okkazjonijiet meta l-girien kienu jmorru ghandha biex jghidulha li l-attur kien qed isawwat lill-ommha, u hi kienet tmur tigri u kienet ssib lil ommha tissielet mal-attur. Kien hemm illi ommha talbitha sabiex tingabar maghha. Anke meta marret tghix mal-familja taghha, kien hemm okkazjonijiet rari meta l-attur kien imur izur lil ommhom, izda dan kien biss biex jitlobha l-flus. Zewgha kien wissa lill-attur sabiex jieqaf milli jaghmel dawn l-affarijiet u kien minn dak iz-zmien illi l-attur waqaf izur lil ommhom ; u hi kienet umbratu.

Dwar il-flus li kienet irceviet ommhom mill-Awstralja wara l-mewt ta` missierhom, il-konvenuta xehdet illi s-somma kien hadha kollha l-attur jew bi flus li kienet taghtu direttament ommhom jew ghaliex kienet hallset id-dejn li kellu. L-attur kellu dejn sostanzjali ma` zijuhom Karmenu Cassar u ommhom kienet thallas dan id-dejn. Minbarra dan kienet hallset ukoll ghal truck li kien xtara l-attur u kienet thallas il-pagamenti mensili li kellu fuq dan it-truck.

Qalet illi l-uniku dhul regolari li kellha ommha kienet l-ghajnuna socjali li kienet tircievi kull xahar. Missierhom ma kienx hallas bolla u ghalhekk ommha ma kellhiex pensjoni. Dhul iehor li kellha ommha kien mill-bejgh tal-proprjeta` li kienet wirtet minghand il-genituri taghha. Fil-fatt hija kienet wirtet id-dar fejn kienu joqoghdu, cioe` St. George's, fond kontigwu "St. Joseph", it-tnejn Cannon Road, Santa Venera, kif ukoll ghalqa maghrufa bhala "Tal-Palazz l-Ahmar" bejn Santa Venera u Hal-Qormi. Ommha kellha erba` hutha. Is-sehem taghha mill-fond St. Joseph kien inbiegh ghal Lm 4,000, il-fond "St. George's" kien inbiegh xi ghoxrin sena ilu ghal Lm 5,000, u s-sehem taghha kien Lm 1,000, l-ghalqa kienet inqasmet u ommha kienet bieghet l-plot li miss lilha ghal Lm 80,000. Minn dan l-ammont ommha kienet hallset l-*capital gains tax*, l-ispejjez tal-kawza ta` divizjoni u l-ispejjez notarili ghalhekk kien baqaghla madwar Lm 65,000. Wara li kien sar dan il-kuntratt,

ommha kienet ghamlet kuntatt mal-avukat ghaliex riedet thallasha ta` spejjez li l-konvenuta kienet ghamlet matul il-25 sena sena li hadet hsieb ommha.

Stqarret illi ommha kellha kancer, kienet kisret l-*hip bone* u kienet baqghet bedridden. Ghalhekk kien hemm spejjez li hija kellha taghmel kemm sabiex tiehu hsieb ommha u kif ukoll fid-dar sabiex takkomodaha. Ghalhekk kienet saret skrittura fit-28 ta` Ottobru 2004, fejn ommha kienet hallsitha s-somma ta` Lm 32,400.

Qalet illi meta mietet ommha hija kellha madwar Lm 30,000. Minnhom thallsu l-ispejjez funerarji.

**Fil-kontroezami**, il-konvenuta xehdet illi ommha kienet tatha prokura (Dok MC2). Mistoqsija mill-Qorti jekk kenitx ghamlet rendikont, il-konvenuta wiegbet illi kienet ghaddiet rendikont lill-avukat ta` dak li kienu nefqu. Mistoqsija jekk meta gara l-incident tas-senter, jekk kienx sar rapport lill-pulizija, hija wiegbet illi ghalkemm ommha riedet tmur tirrapporta, zewgha kien qalilha li kien ikun ahjar jekk ma tmurx. Mistoqsija jekk ommha kellhiex flus il-Lombard Bank, wiegbet illi ma kellhiex. Lill-attur ma kienux qalulu bl-iskrittura tal-2004.

Dwar l-affarijiet li hi xtrat ghal ommha, il-konvenuta pprezentat id-dokument MC1 li hejja l-avukat taghha u li kien juri lista tal-infieq. Ikkonfermat illi hija kienet dehret fuq il-kuntratt meta kien sar il-bejgh tar-raba` maghruf bhala "Tal-Palazz l-Ahmar". Il-flus tal-bejgh marru l-bank fil-kont personali taghha ghaliex ommha ma kellhiex kontijiet il-bank. Fil-fatt hija kienet fethet kont apposta mal-HSBC. Meta sar il-konvenju hija ma kenitx hadet flus ghaliex probabilment id-depozitu kien baqa` man-nutar.

Mistoqsija jekk ghalkemm ommha kienet *bedridden* jekk kenitx taf x'qed taghmel, il-konvenuta wiegbet illi kienet taf dak li qed taghmel. Riedet tbiegh il-propjeta`. Dwar il-flus li hadet bhala sehmha mill-bejgh tad-dar "St. Joseph", fuq liema kuntratt kienet dehret hi wkoll ghal ommha, il-konvenuta stqarret illi kienet ghaddiet il-flus direttament lill-ommha. Dawn baqghu ghand ommha ; taf li ommha tat xi flus lil sacerdot. Lilha qatt ma tatha minn dawn il-flus. Mistoqsija jekk ommha kellhiex deheb, il-konvenuta wiegbet illi ommha kull ma kellha kien curkett, li kienet taghtu lilha meta

dahlet l-isptar. Bhala mobbli kellha l-kamra tas-sodda li tatha lid-Dar Papa Giovanni.

**Emmanuel Calleja**, li jigi r-ragel tal-konvenuta, xehed illi huma zzewgu fl-1971. Xi seba` snin wara z-zwieg taghhom, martu kienet staqsietu jekk ommha setghetx tmur tghix maghhom ghaliex kienet qed tigi soggettata ghal vjolenzi mill-attur. Huwa kien jaf li hekk kien qed jigri. Fil-Hdud kienu jiehdu lill-kunjata sabiex tara lil binha, izda meta l-attur kien sema` li kien sar konvenju biex tinbigh il-plot, huwa hareg b`senter ghaliha. Huwa rnexxielu johodlu s-senter minn idejh. Is-senter kien armat. Wara dakinhar il-kunjata ma rieditx tmur aktar ghand l-attur ghaliex kienet tibza` minnu.

Qal illi l-attur kien jitfacca d-dar taghhom, u kien jisma` argumenti ghaddejjin bejn l-attur u l-kunjata. Huwa kien jitlobha l-flus u hi kienet tghidlu li kienet taghtu kull ma kellha u li ma kellhiex aktar mnejn taghtih. Allura l-attur kien isir vjolenti. Huwa kien wissa lill-attur li jekk kien ser ikompli hekk ma kienx ser ihallih imur id-dar taghhom. Il-kunjata fil-fatt ma rieditx tarah aktar u ghall-ahhar 12-il sena ta` hajjitha l-attur qatt ma rega` mar go darhom. Il-kunjata damet tghix maghhom ghal 25 sena u hu kien jiehu hsieb tal-bzonnijiet taghha daqslikieku kienet membru tal-familja tieghu.

Stqarr illi l-uniku dhul li kellha Lorenza Borg kienet l-ghajnuna nazzjonali. Kull ma kien ikollha bzonn kienu jhallsuh huwa u martu. Wara li kienet inbieghet il-plot, il-kunjata kienet insistiet li riedet thallashom ghal dak kollu li ghamlu maghha. Ghalkemm huma ma riedux, il-kunjata marret ghand avukat u saret skrittura fejn kienet hallsithom s-somma ta` Lm 32,400. Wara din l-iskrittura, kienet insistiet maghhom li ma johorgux aktar spejjez u minn dakinhar martu bdiet izzomm pitazz fejn kienet tnizzel kull nefqa li kienet taghmel minn flusha ghall-beneficcju ta` ommha.

**Av. Dr. Joseph Zammit Maempel** xehed illi f`Settembru jew Ottobru 2004, Lorenza Borg kienet talbitu sabiex imur ikellimha d-dar fejn kienet toqghod ma` bintha. Jghid li huwa kien jaf lil Lorenza Borg ghaliex kienet inkarikatu bhala avukat taghha bhala avukat f`kawza ta` qsim ta` wirt. Huwa kien mar ikellimha wahidha u kien sabha fis-sodda. Qaltlu li issa li kienet bieghet il-plot riedet thallas lil bintha Mary Calleja u r-ragel taghha ta` dak kollu li kienu ghamlu maghha. Riedet li dan isir b`mod legali ghaliex kienet certa li binha l-attur kien ser ihabbat lill-ohtu wara l-mewt taghha. Qaltlu li dak li kienet ser tghidlu seta` jizvelah fil-kaz illi jinqala` xi nkwiet li

kienet qieghda tipprevedi. Staqsieha jekk kinitx qed thollu mis-sigriet professjonali u hi kkonfermat li kienet qieghda taghmel dan.

Qal illi Lorenza Borg kienet irrakkontatlu li kienet tat diversi somom ta` flus lil binha l-attur jew lilu direttament jew ghaliex kienet hallset id-djun li kellu ma` xi kredituri. Qaltlu li binha kien uza l-vjolenza biex taghtu dawn il-flus u kien anke heddidha b`senter. Kompliet tghidlu li kienet ilha tghix ma` bintha mill-1982, u dawn kienu hadu hsiebha u hi kellha biss ir-relief li lanqas kien iservi ghal medicini li kienu gew preskritti lilha. Hi kienet tbati biz-zokkor, kellha kancer tal-gilda u xi tlett snin qabel kienet waqghet u kisret il-hipbone tant li kellha tispicca permanentement fis-sodda. Kienu dahlu fid-dettall ta` x`servigi kienu pprestaw favur taghha l-konvenuta u r-ragel taghha u kienu waslu ghall-ammont ta` Lm 32,400. Kienu kkalkolaw Lm 1,200 fis-sena ghall-ewwel 19–il sena u nofs, jigifieri sakemm kienet spiccat *bedridden* u Lm 3,600 fis-sena ghall-ahhar sentejn u nofs.

Qal illi wara dik il-laqgha kien kellem lill-konvenuta u nfurmaha li ommha xtaqet thallasha tas-servigi. Il-konvenuta kienet irrispondiet li dan kienet ghamlitu minn qalbha u li ma kenitx qeghda tippretendi kumpens, izda meta qalilha li ommha kienet qed tinsisti, il-konvenuta accettat. Lorenza Borg dak il-mument qalet lill-konvenuta li minn dak il-mument, kull spiza li kien hemm bzonn kellha tittiehed minn flusha, u li kellha tmur tixtri gizirana hoxna tad-deheb ghat-tifla tal-konvenuta li kienet torqod maghha kuljum.

Jghid illi kien sar appuntament ghat-28 ta` Ottobru 2004, u hemm kien ha mieghu skrittura li kienet giet ffirmata minn Lorenza Borg li kienet iffirmat permezz ta` salib.

**Charmaine Calleja** xehdet illi hija kienet mizzewga lit-tifel tal-konvenuta.

Qalet illi bejn il-konvenuta u l-attur ma kienx hemm relazzjoni tajba, minhabba l-wirt, ghaliex il-konvenuta dejjem riedet li kollox ikun ghaliha.

Stqarret illi l-konvenuta kienet tghid illi kienet qeghda ddur b`ommha bi dritt li tiehu l-affarijiet hi u li kienet anke geghlitha taghmel affarijiet kontra r-rieda taghha.

Tghid illi ma kinitx prezenti meta kienu jigru dawn l-affarijiet.

Qalet illi l-konvenuta kienet geghlet lil Lorenza Borg sabiex tibdel it-testment taghha u thalli kollox lilha. Il-konvenuta kienet anke qattghet il-ktieb tal-bank.

Stqarret illi meta sar il-bejgh tar-raba` ta` Santa Venera, kienet bieghetha ghal hafna izjed, izda l-avukat taghha kien qalilha biex tiddikjara Lm 80,000.

Mistoqsija x`kienet ghamlet il-konvenuta b`dawk it-Lm 80,000, wiegbet illi kienet siefret wara li mietet ommha.

Xehdet illi Lorenza Borg kienet waqghet u kisret il-hipbone, u dan gara ghaliex il-konvenuta kienet hallietha waheda.

Tghid illi Lorenza Borg kellha crieket tad-deheb, gizirana tad-deheb u msielet tad-deheb.

Fil-**<u>kontroezami</u>**, xehdet illi hija kienet qeghda tissepara minn zewgha. Il-proceduri tas-separazzjoni kienu ilhom sejrin tmien snin.

**<u>Ivan Cilia</u>** mid-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali xehed illi d-Dipartiment ma kellux dokumenti dwar Lorenza Borg ghaliex id-dokumenti jigu distrutti wara li jghaddu hames snin mid-data tal-mewt tal-persuna li tkun tircievi beneficcju socjali. Fl-istess waqt stqarr illi abbazi ta` informazzjoni li tinsab fid-database tad-Dipartiment jirrizulta li Lorenza Borg kienet tiehu pensjoni tal-eta` mhux kontributorja, ghajnuna medika mill-2001, u ghajnuna supplimentari mill-1996. Irrizulta wkoll li kien hemm prokura favur Mary Calleja ; din setghet issarraf cheques li kienet tircievi Lorenza Borg.

**<u>P.L. Eunice Fiorini</u>** ghar-Registratur Qrati Civili u Tribunaliipprezentat kopja ta` relazzjoni li kien ipprezenta l-Perit David Pace fil-

procediment bin-Nru 3/88 quddiem il-Tribunal Ghall-Qsim tal-wirt fl-ismijiet *Maria Azzopardi vs Carmelo Cassar.*

## III. Sottomissjonijiet fil-qosor

### 1. L-attur

Wara li jaghmel gabra tal-fatti, l-attur jissottometti li huwa ma kienx accetta l-prelegat li kien imholli lilu, u ghalhekk talab li jinghata l-porzjoni rizervata skont l-ligi u cioe` wiehed minn sitta (1/6) tal-massa ereditarja.

Ighid illi sabiex jattakka l-iskrittura privata tat-28 ta` Ottobru 2004, fejn il-mejta Lorenza Borg hallset lill-konvenuta Lm 32,400, huwa kien ghamel il-kawza Rik. Gur. Nru. 509/2010 fl-ismijiet "**George Borg vs Mary Calleja et**" li kienet deciza fis-17 ta` Jannar 2013. Il-Qorti hemm kienet cahdet it-talbiet tieghu u ddikjarat valida l-iskrittura.

Skont l-attur, mix-xiehda tal-konvenuta ma rrizultax minghajr dubju kemm kienet il-massa ereditarja u cioe` jekk kenitx Lm 20,000 jew Lm 30,000. Ir-rendikont li ghamlet il-konvenuta ma kienx professjonali. Lanqas ma kien korraborat b`ricevuti jew dokumenti.

Jirreferi ghax-xiehda ta` Charmaine Calleja.

Jirreferi wkoll ghall-att ta` divizjoni li permezz tieghu Lorenza Borg kisbet parti mill-wirt tal-genituri taghha (Dok GBE).

Isostni illi l-pretensjoni tieghu illi r-raba` *Tal-Palazz Ahmar* inbiegh bi prezz hafna inqas mill-valur tieghu fis-suq reali hija fondata u esebixxa numru ta` kuntratti li juru l-bejgh ta` porzjonijiet ohra ta` din ir-raba`, fejn jidher bic-car li l-prezz kien hafna aktar.

Ghalhekk skont l-attur fil-massa ereditarja ta` Lorenza Borg kellu jidhol il-prezz veritier tal-art, kif ukoll il-valur tad-dirett dominju u annwu li Lorenza Borg rceviet bid-divizjoni.

**2.** **<u>Il-konvenuta</u>**

Il-konvenuta tirreferi ghall-Art 615 u ghall-Art 620(2) tal-Kap 16.

Tghid illi skont l-ahhar testament taghha, Lorenza Borg halliet lill-attur is-somma ta` Lm 5,000 ghas-*"saldu ta' kwalunkwe dritt li l-istess binha jista` jkollu fuq il-wirt"* taghha.

Taccetta illi bil-fatt illi l-attur irrinunzja ghal dan il-legat u talab is-sehem rizervat, huwa kellu dritt ghal wiehed minn sitta (1/6) tal-assi tad-decujus.

L-effett ewlieni tas-sentenza tas-17 ta` Jannar 2013 fil-kawza "**George Borg vs Mary Calleja et**" kien illi bl-iskrittura, li l-Qorti ddikjarat valida, kien sar hlas ta` servigi mhux donazzjoni.

Irrizulta illi fid-data tal-mewt taghha, Lorezna Borg ma kellha l-ebda assi mmobbli hlief id-dirett dominju ta` Lm 45 gravanti art maghrufa bhala *Tal-Palazz l-Ahmar*, liema dirett dominju kien ivvalutat fis-somma ta` Lm 900 (€ 2,095).

Dwar l-allegazzjoni tal-attur dwar il-prezz tal-bejgh tal-plot, il-konvenuta tirrileva illi l-unika stima li kienet saret ta` dik il-bicca art kienet mill-Perit David Pace fir-rapport li kien sar quddiem it-Tribunal dwar il-Qsim tal-Wirt. Hemm l-art kienet stmata Lm 69,800, u ghalhekk meta Lorenza Borg bieghet l-plot ghal Lm 80,000, dan kien prezz oghla mill-istima ta` l-perit.

Ma rrizulta xejn ippruvat minn imkien illi l-prezz tal-bejgh kien simulat.

Sostniet illi Charmaine Calleja mhijiex xhud kredibbli. Kienet ghadha kif ghaddiet minn separazzjoni personali minn ma` iben il-konvenuta, u ghalhekk kellha kull interess li tpattiha lil zewgha u lill-familja tieghu.

Dwar il-konsistenza tal-massa ereditarja, irrizulta li din kienet tammonta ghal madwar € 30,000. Minbarra dan irrizulta li wara l-bejgh tal-plot kien baqghalha madwar Lm 65,000, imbaghad kien hemm l-iskrittura privata u ghalhekk il-bilanc li kien fadal kien ta` madwar Lm 32,600. Ghalkemm Lorenza Borg mietet wara ftit xhur, xi nfieq kien hemm bhall-ispejjez tal-funeral ; ghalhekk waslet ghall-figura ta` madwar €30,000.

Tissottometti dwar l-imghax illi l-Art 615(2) tal-Kap 16 jaghti lill-Qorti diskrezzjoni sabiex tistabilixxi jekk takkordax il-hlas ta` imghax.

Skont l-Art 860(2) tal-Kap 16, ir-rinunzja ta` wirt tista` ssir biss b`dikjarazzjoni.

Il-konvenuta ghalhekk tikkontendi li stante li ma kienx ippruvat li saret din d-dikjarazzjoni, u l-ewwel talba ghall-hlas tas-sehem rizervat saret bil-kawza odjerna, allura d-dewmien ghandu jigi attribwit lill-attur u mhux lilha ; kwindi m`ghandhiex tbati imghax.

## IV. <u>Konsiderazzjonijiet</u>

### 1. <u>Generali</u>

**Jirrizulta illi Lorenza Borg mietet fil-31 ta` Jannar 2005.**

Is-successjoni taghha hija regolata bis-sahha ta` zewg testmenti t-tnejn fl-atti tan-Nutar Dottor Paul Pullicino : dak tat-12 ta` Lulju 1993 li kien modifikat b`testment iehor tat-8 ta` Ottubru 1996.

Is-sintesi tad-disposizzjonijiet testamentarji ta` Lorenza Borg kienu :-

a) Illi t-testatrici nnominat u stitwiet lill-konvenuta bintha b`eredi universali taghha *biex tikkompensaha ghas-servigi li l-istess bintha ipprestat lit-testatrici.*

b) Illi t-testatrici ddikjarat illi binha l-attur kien diga` rcieva s-sehem li jmissu mill-wirt ta` missieru l-mejjet Joseph Borg.

c) Illi t-testatrici tghid illi tat flus lill-attur diversi drabi, inkluz sabiex jixtri truck.

d) Illi halliet lill-attur b`titolu ta` legat is-somma ta` hamest elef lira (Lm 5000) ghas-saldu ta` kwalunkwe dritt li l-attur jista` jkollu fuq il-wirt taghha.

Fid-disa` (9) paragrafu tar-rikors guramentat, l-attur iddikjara li kien ma kienx qed jaccetta l-legat ta` Lm 5,000 u minflok kien qed jitlob l-assenjazzjoni u hlas tas-sehem rizervat dovut mill-wirt ta` ommu Lorenza Borg.

Il-Qorti tosserva illi l-konvenuta ma tat l-ebda eccezzjoni dwar il-mod kif l-attur irrinunzja ghal-legat sabiex jitlob minflok is-sehem rizervat.

U l-Qorti mhijiex sejra tidhol fil-kwistjoni ladarba r-rinunzja ghal-legat kienet accettata mill-konvenuta.

Il-Qorti tirrileva illi fis-sistema gudizzjarja taghna, il-Qorti m`ghandhiex tissolleva eccezzjonijiet *ex officio* illi mhijiex espressament awtorizzata tiddeciedi skont il-Kap 12 jew ghal xi konsiderazzjoni ta` ordni pubbliku bhal ma hija kwistjoni ta` kompetenza jew ta` gurisdizzjoni.

Bhala norma l-gudikant ghandu jiddeciedi l-kawza billi joqghod fuq il-binarju tal-kontestazzjoni li jressqulu l-partijiet (ara : PA : 2 ta` Frar 1990 : "**Ignazio Gatt vs Michael Debono et**" ; Appell Kummercjali : 31 ta` Jannar 1991 : "**Anthony Hammet et noe vs Vincent Genovese pro et noe**" ; u Qorti tal-Kummerc : 9 ta` April 1992 : "**Edwin Grech vs Antida Saglimbene et**").

Fil-kaz tal-lum ir-rinunzja tal-attur ghal-legat saret fil-premessi tar-rikors guramentat, u kienet espressament accettata mill-konvenuta bil-mod kif ifformulat l-ewwel eccezzjoni taghha. Billi l-modalita` tar-rinunzja mhijiex materja ta` ordni pubbliku, il-Qorti sejra toqghod fil-parametri tal-kontestazzjoni stabbilita mill-partijiet

Il-Qorti tosserva wkoll illi l-allegazzjonijiet tal-attur illi seta` kien hemm pressjoni da parti tal-konvenuta, kif ukoll il-kwistjoni tal-prezz li bih kien mibjugh ir-raba` *Tal-Palazz l-Ahmar,* mhux ser jittiehdu in konsiderazzjoni mill-Qorti, u dan peress illi bl-azzjoni tal-lum la qeghdin jigu mpunjati t-testmenti ta` Lorenza Borg u lanqas il-kuntratt tal-bejgh tar-raba` in kwistjoni.

**Riferibbilment ghall-mertu tal-ewwel eccezzjoni, il-Qorti tikkondividi l-fehma tal-konvenuta dwar l-inutilita` tal-ewwel talba, fejn l-attur talab lill-Qorti sabiex tiddikjara li l-legat ma kienx bizzejjed biex ikopri s-sehem rizervat tieghu, ghaliex ladarba l-attur irrinunzja ghal-legat, kull paragun bejn il-quantum tal-legat u dak tas-sehem rizervat huwa esercizzju li ma hemmx lok ghalih. L-attur irid is-sehem rizervat minflok il-legat tant li rrinunzja ghal dan tal-ahhar. Is-sehem rizervat se jiehu.**

**2. <u>Is-sehem riservat</u>**

**Wara d-dhul fis-sehh tad-disposizzjonijiet tal-Att XVIII tal-2004, l-istitut tal-legittima kien sostitwit bl-istitut tas-sehem rizervat.**

**Il-bidla ta` istitut b`iehor ma kenitx kosmetika izda ta` sostanza fis-sens illi filwaqt li qabel l-emendi tal-2004 il-legittima kienet *sehem mill-beni tal-mejjet moghti lid-dixxendenti u fin-nuqqas ta` dixxendenti lill-axxendenti tal-mejjet* b`effett tal-emendi is-sehem rizervat sar il-*jedd fuq il-beni tal-mejjet rizervat mil-ligi favur id-dixxendenti tal-mejjet u min mill-mara jew ir-ragel jibqa` haj* liema jedd *huwa kreditu tal-valur tas-sehem kontra l-beni tal-mejjet.***

**Ghalkemm il-kawza odjerna kienet prezentata wara li dahlu fis-sehh l-emendi tal-2004, u forsi ghalhekk l-attur jirreferi ghal sehem rizervat mhux ghal legittima, il-ligi applikabbli ghall-kaz tal-lum mhijiex dik vigenti wara l-emendi tal-2004 izda dik li kienet qabel dawk l-emendi.**

**Lorenza Borg mietet fil-31 ta` Jannar 2005. L-Att XVIII tal-2004 inghata l-assens mill-President ta` Malta fil-31 ta` Dicembru 2004. L-ewwel tliet artikoli tal-Att XVIII tal-2004 u cioe` l-Art 110, 113 u 115 gew fis-sehh fl-4 ta` Frar 2005, u allura wara l-mewt ta` Lorenza Borg, bis-sahha tal-Avviz Legali 37 tal-2005. Il-bqija tad-disposizzjonijiet gew fis-sehh fl-1 ta` Marzu 2005 bis-sahha tal-Avviz Legali 48 tal-2005.**

**L-Art 116(2) tal-Att XVIII tal-2004 ighid illi t-tibdil effettwat kellu japplika biss ghas-successjonijiet li jkunu fethu jew sehhew wara d-dhul fis-sehh tal-Att.**

**Ghalhekk l-emendi tal-2004 ma jistghux jigu applikati ghall-kaz odjern.**

Dan premess, u riferibbilment ghall-fattispeci tal-kaz tal-lum, dak li kien jghodd fil-kaz tal-legittima jghodd ghas-sehem rizervat.

Ghalhekk anke jekk fil-kawza tal-lum l-attur talab il-hlas tas-sehem rizervat minflok talab il-hlas tal-legittima dak ma jgibx fix-xejn it-talbiet tieghu. L-uniku distinzjoni bejn it-tnejn fil-kuntest tal-kawza tal-lum hija li fil-kaz odjern l-attur huwa prekluz milli jipprevalixxi ruhu mill-beneficcju tal-imghax kif intiz fl-Art 615(2) wara l-emendi tal-2004, u qabel l-introduzzjoni tal-proviso bl-emendi tal-2012.

Iccarat l-istat tad-dritt applikabbli, il-Qorti tirrileva illi l-ligi taghna taqsam il-gid tad-decujus fi tnejn : dik il-parti li hija disponibbli ; u l-parti l-ohra li mhijiex disponibbli.

Il-parti li mhijiex disponibbli tigi matematikament kalkolata a bazi tal-Art 611 *et seq* tal-Kap 16.

Skont il-ligi, sabiex jinhadem is-sehem rizervat (qabel il-legittima), iridu jizdiedu mal-assi ezistenti fil-mument tal-mewt tad-decujus, id-donazzjonijiet li jkunu saru mit-testatur.

Il-Qorti taghmel riferenza ghan-noti tal-**Prof. V. Caruana Galizia**

dwar is-Successjoni pag 1021 fejn ighid hekk :-

*"Such addition is necessary because the portion of the deceased`s property was saved by law in favour of certain persons cannot be diminished by any disposition under a gratuitous title. The 'legitima portio' is computed on the whole estate of the deceased, viz on the property which would have existed at the time of his death had he made no donations. The said addition is a fictitious one, a mere calculation which however may necessitate an actual addition for the purpose of the abatement, if it results that the donations madeby the deceased exceed the disposable portion. Subject to addition is any property given on donation to any person whatsoever, including those to whomthe legitima portio is due ... even if the testator has exempted any of the said persons from imputing the property received on donation to their rights. Equally immaterial is the cause of the donation, consequently to the deceased`s estate are added not only those made purely `animo donandi` but also those made in remuneration for services, or out of gratitude ..."*

**Hemm qbil bejn il-partijiet illi stante li Lorenza Borg kellha zewgt (2) ulied, is-sehem rizervat (jew legittima) jkopri t-terz tal-assi taghha. Ghalhekk l-attur imissu wiehed minn sitta (1/6) tal-wirt ta` Lorenza Borg.**

**a) <u>L-immobbli</u>**

Irrizulta mill-provi illi meta mietet, Lorenza Borg ma kellhiex proprjeta` mmobbli.

L-unika proprjeta` mmobbli li ppossediet Lorenza Borg kienet dik li ghaddiet ghandha b`successjoni minghand il-genituri taghha.

Skont il-kuntratt ta` divizjoni Dok GBE hija kienet wirtet plot C tal-ghalqa maghrufa bhala "*Tal-Palazz Ahmar*"; kwint (1/5) mid-dar *St. Joseph* ; cens ta' Lm 45 fis-sena ; u Lm 720.68 bhala flus.

Jirrizulta illi Lorenza Borg bieghet s-sehem taghha tad-dar *St. Joseph*, permezz ta` kuntratt datat 5 ta` Lulju 2004 (Dok GBD) ghal Lm 4,000.

Jirrizulta wkoll illi l-ghalqa "*Tal-Palazz Ahmar*" inbieghet b`kuntratt tat-30 ta` Settembru 2004 (Dok GBC) ghal Lm 80,000.

**b) <u>Flus il-Bank</u>**

Ir-rapprezentanti tal-banek kummercjali ewlenin xehdu li Lorenza Borg ma kellhiex kontijiet f`isimha.

Eppure l-konvenuta tixhed illi wara li sar il-kuntratt tal-bejgh tal-ghalqa maghrufa bhala "*Tal-Palazz Ahmar*" kienu thallsu l-ispejjez tat-taxxa fuq il-*capital gains*, l-ispejjez tal-kawza tad-divizjoni, u l-ispejjez notarili sabiex sar il-kuntratt ta` divizjoni.

Mill-kuntratt ta` bejgh tal-ghalqa jirrizulta li Lorenza Borg kienet hallset *capital gains tax* ta` Lm 5,600.

Dwar il-hlas tal-ispejjez tal-kawza ta` divizjoni u l-ispejjez tal-kuntratt tad-divizjoni, dawn ma jirrizultawx minn dokumenti. Hemm accenn ghalihom fir-rendikont (Dok MC1) li ghamlet l-konvenuta.

Mir-rendikont jirrizulta li dawn kienu jammontaw ghal Lm 300 (€698) bhala spejjez notarili u Lm 1,200 (€ 2,793) bhala drittijiet tal-kawza ta` divizjoni.

Ghalkemm ma kienx hemm provi ulterjuri ta` dawn il-hlasijiet, il-Qorti qeghda taccetta illi thallsu dawn l-ammonti ghaliex huwa evidenti ghaliha illi huma valuri reali u mhux eccessivi.

Ghalhekk mill-ammont ta` Lm 80,000 (€186,349.87) ghandhom jitnaqqsu dawn l-ispejjez li jammontaw ghal Lm 7,100 (€16,538.55).

B`hekk jifdal bilanc ta` Lm 72,900 (€169,811.32).

Jirrizulta li kienet saret skrittura bejn Lorenza Borg u l-konvenuta datata 28 ta` Ottobru 2004, fejn Lorenza Borg kienet hallset lill-konvenuta tas-servigi fl-ammont kien Lm 32,400.

Din il-Qorti tinnota li fin-nota ta` osservazzjonijiet tieghu l-attur issemmi li huwa kien ipprova jattakka dik l-iskrittura.

Fil-fatt hekk ghamel izda permezz ta` sentenza ta` din il-Qorti kif presjeduta tas-17 ta` Jannar 2013 fil-kawza bin-Nru 509/2010 fl-ismijiet "**George Borg vs Mary Calleja et**" kienu michuda t-talbiet ta` George Borg, attur fil-kawza tal-lum. Hemm George Borg kien talab lill-Qorti sabiex tiddikjara li dik l-iskrittura kienet donazzjoni, li dik id-donazzjoni kienet nulla, u li l-ammont li thallas skont dik l-iskrittura kellu jitqies bhala formanti parti mill-massa ereditarja. Dik is-sentenza ghaddiet in gudikat.

**Il-konsegwenza ta` dik is-sentenza fir-rigward tal-mertu tal-kawza tal-lum hija li mill-ammont ta' Lm 72,900 fuq riferit ghandhom jitnaqqsu it-Lm 32,400 mertu tal-iskrittura tat-28 ta` Ottubru 2004 li jhalli bilanc ta` Lm 40,500.**

L-attur jallega li Lorenza Borg kellha xi dhul iehor bhal pensjoni u xi somma li kienet irceviet mill-Awstralja.

Jirrizulta ppruvat illi l-pensjoni li kienet tiehu Lorenza Borg ma kienet pensjoni xejn izda hlas ta` l-beneficcju tal-ghajnuna socjali fl-ammont ta` €3.12 fil-gimgha.

Minbarra dan kienet tircievi ghajnuna medika li fl-ammont ta` €87.33.

Din il-Qorti mhijiex sejra in konsiderazzjoni dawn l-ammonti, tant huma rrizorji li certament uzathom Lorenza Borg ghall-htigijiet taghha waqt hajjitha.

Il-Qorti tirreferi ghal dak li rrimarkat fis-sentenza fil-kawza bin-Nru 509/2010 fl-ismijiet "**George Borg vs Mary Calleja et**" :-

*Din il-Qorti qieset b`reqqa u attenzjoni kemm il-provi li ressqu l-partijiet direttament fil-kawza tal-lum, kif ukoll dawk li kienu ngabru fil-kawza bin-Nru. 370/08 JZM. Irrizulta li Lorenza Borg ghexet taht l-istess saqaf ma` bintha l-konvenuta u ma` zewgha l-kjamat fil-kawza ghal numru twil ta` snin. Kienet certament tippercepixxi ghajnuna socjali (social assistance jew kif inhu maghruf ahjar – relief). L-allegazzjoni tal-attur li kienet tircievi hlas ta` cnus jew xi tip ta` dhul iehor ma kienet korraborata minn ebda prova ohra oggettiva. Mqar l-attur ma ta l- icken hjiel tal-quantum ta` dawn ic-cnus. Isostni l-attur illi Lorenza Borg kienet hadet somma flus mill-Awstralja wara l-mewt tar-ragel taghha – prova oggettiva u allura ben riskontrata ta` xi xorta tal-quantum tas-somma pero` ma gab imkien. Mill-provi li ngemghu fil-kawza Nru.370/08 JZM, irrizulta li Lorenza Borg ma kellhiex kontijiet bankarji. Dan il-fatt huwa rilevanti ghaliex jekk tassew Lorenza Borg kienet tircievi somom ta` flus, kienet forsi minn zmien ghal iehor, tiftah xi kont il-bank u forsi ggemma` xi haga tal-flus hemm. Dan ma rrizultax illi qatt sar.*

**Tenut kont tal-fatti u cirkostanzi ta` dan il-kaz, hija l-fehma konsiderata ta` din il-Qorti illi l-assi ta` Lorenza Borg formanti l-massa ereditarja taghha, li fuqhom ghandu jsir il-kalkolu tas-sehem rizervat (jew legittima) jammontaw ghal <u>€94,339.62</u> (Lm 40,500).**

**c) <u>Dejn</u>**

Tajjeb jinghad illi ghall-fini tas-sehem rizervat "*si calcola sull'intero patrimonio, compresavi ogni spece di largizione gratuita, colla sola deduzione dei debiti e delle spese funerarie*" (**<u>Vol IX. 297</u>**)

Ghalhekk irid jitnaqqas id-dejn inkluz l-ispejjez funerarji tad-decujus.

Fis-sentenza riportata fil-**<u>Vol. XXXIII.I.474</u>** inghad :

*"Ir-rigali li d-decujus jaghmel a favur ta` kwalunkwe persuna ghandhom jigu mdahhlin fir-rijunjoni tal-patrimonju tad-decujus biex tigi kalkulata l-legittima ; u anki l-legati li d-decujus ikun ghamel favur xi persuni, anki jekk ikunu legati ta` benificenza"*

Skont ir-rendikont li pprezentat il-konvenuta, l-ispejjez tal-funeral

kienu jammontaw ghal €2,723.

Din il-Qorti qeghda taccetta din l-ispiza.

**Ghalhekk dik l-ispiza trid titqies ghall-fini tal-komputazzjoni tas-sehem rizervat (jew legittima).**

Jifdal li tigi trattata l-kwistjoni illi Lorenza Borg allegatament hallset debiti tal-attur.

Dan kien iddikjarat minn Lorenza Borg fit-testment taghha.

Kien ukoll dikjarat bil-gurament mill-konvenuta u mill-Av. Dr. Joseph Zammit Maempel.

Il-Qorti mhijiex tiddisputa l-fatt li Lorenza Borg tat flus lill-attur ghax dan jirrizulta. Li ma jirrizultax huwa *kemm* kienu dawn il-flus. Ghal din il-Qorti dak li jinghad fit-testmenti ta` Lorenza Borg mhuwiex bizzejjed sabiex il-Qorti tiddetermina l-*quantum* fuq bazi ta` bilanc ta` probabilitajiet.

**3. <u>Likwidazzjoni</u>**

**Hija l-fehma konsiderata ta` din il-Qorti illi l-valur li fuqu ghandha ssir il-likwidazzjoni tas-sehem rizervat (jew legittima) tal-attur jammonta ghal <u>€91,616.62</u> (assi : €94,339.62 – dejn : €2,723)**

**Minn dan l-ammont, l-attur ghandu jircievi wiehed minn sitta (1/6) u cioe` <u>€15,269.43.</u>**

**4. <u>L-imghax</u>**

Ghar-ragunijiet li kienu mfissra aktar kmieni, il-kalkolu tal-imghax kif mahsub fl-Art 615(2) wara l-emendi tal-2004 u tal-2012 mhuwiex applikabbli

ghall-kaz taht ezami. Ighodd ghall-kaz tal-lum il-principju tad-dritt *in illiquidis non fit mora.*

Decide

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi :-**

**Tilqa` l-ewwel eccezzjoni.**

**Tichad l-eccezzjonijiet l-ohra.**

**Tichad l-ewwel talba.**

**Tilqa` t-tieni talba.**

**Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet talba.**

**Tilqa` r-raba` talba, billi tillikwida fl-ammont ta` disgha u sebghin elf disa` mija disgha u sittin Ewro hamsa u sebghin centezmu (€79,969.75) il-valur tal-massa ereditarja ta` l-mejta Lorenza Borg, fuq liema ammont ghandu jsir il-kalkolu tas-sehem rizervat spettanti lill-attur.**

**Tilqa` l-hames talba, billi tistabilixxi fl-ammont ta` tlettax-il elf tliet mija tmienja u ghoxrin Ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€13,328.29) il-valur tas-sehem rizervat spettanti lill-attur mill-wirt ta` l-mejta Lorenza Borg li jirrapprezenta wiehed minn sitt parti (1/6) tal-valur tal-massa ereditarja tal-istess Lorenza Borg.**

**Tilqa` s-sitt talba, billi tordna lill-konvenuta sabiex, bhala l-unika eredi universali tal-mejta Lorenza Borg, thallas lill-attur is-sehem rizervat lilu spettanti mill-wirt ta` l-mejta Lorenza Borg fl-ammont ta` tlettax-il elf tliet mija tmienja u ghoxrin Ewro u disgha u**

**ghoxrin centezmu (€13,328.29) bl-imghax legali b`effett mil-lum.**

**Bl-applikazzjoni tal-Art 223(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta, tordna li kull parti thallas l-ispejjez taghha.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**